32006D0892

L 343/102 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 8.12.2006

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-5 ta' Diċembru 2006

## li temenda d-Deċiżjonijiet 2006/7/KE, 2006/265/KE u 2006/533/KE f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom

*(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 5860)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2006/892/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(7) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22 (6) tagħha,

Billi:

(1) Wara t-tifqigħa ta' l-influwenza tat-tjur, ikkawżata minn razza tal-vajrus H5N1 b'patoġeniċità għolja, fix-Xlokk ta' l-Ażja f'Diċembru 2003, il-Kummissjoni adottat bosta miżuri ta' ħarsien marbuta ma' l-influwenza tat-tjur. Dawk il-miżuri inklużi, b'mod partikolari, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/7/KE tad-9 ta' Jannar 2006 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi fir-rigward ta' rix impurtat minn pajiżi terzi ([3]), id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/265/KE tal-31 ta' Marzu 2006 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi fir-rigward ta' suspett ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fl-Iżvizzera ([4]) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/533/KE tat-28 ta' Lulju 2006 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi fir-rigward ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-Kroazja ([5]).

(2) Minn meta seħħet l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2006/7/KE, il-Kummissjoni kienet qiegħda tirrevedi l-miżuri Komunitarji permanenti eżistenti fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' rix, b'mod partikolari id-dispożizzjonijiet ([6]) rilevanti fir-rigward ta' rekwiżiti ta' importazzjoni għal rix mhux ittrattat stipulat fil-Kapitolu VIII ta' l-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman. Madankollu, din il-proċedura leġiżlattiva ma tlestietx.

(3) Id-Deċiżjonijiet 2006/7/KE, 2006/265/KE u 2006/533/KE japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2006. Madankollu, peress li tifqigħat tal-vajrus ta' l-influenza tat-tjur ta' nisel Ażjatiku għadhom jiġru f'pajjiżi terzi u t-theddida lill-Komunità għalhekk ma naqsitx, huwa xieraq li tittawwal l-applikazzjoni ta' dawk id-Deċiżjonijiet sat-30 ta' Ġunju 2007.

(4) Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2006/115/KE ([7]) u 2006/135/KE ([8]) tħassru u nbidlu bid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2006/563/KE ([9]) u 2006/415/KE ([10]). Il-Kroazja u l-Iżvizzera infurmaw lill-Kummissjoni li l-awtoritajiet kompetenti ta' dawk il-pajjiżi issa qegħdin japplikaw miżuri protettivi li huma ekwivalenti għal dawk applikati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif stipulat f'2006/563/KE u 2006/415/KE. Ir-referenzi fl-Annessi tad-Deċiżjonijiet 2006/265/KE u 2006/533/KE għandhom għalhekk jiġu aġġornati.

(5) Id-Deċiżjonijiet 2006/7/KE, 2006/265/KE u 2006/533/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skond dan.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

([1]) ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

([2]) ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1); verżjoni kkoreġġuta (ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1).

([3]) ĠU L 5, 10.1.2006, p. 17. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/521/KE (ĠU L 205, 27.7.2006, p. 26).

([4]) ĠU L 95, 4.4.2006, p. 9. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/405/KE (ĠU L 158, 10.6.2006, p. 14).

([5]) ĠU L 212, 2.8.2006, p. 19.

([6]) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 208/2006 (ĠU L 36, 8.2.2006, p. 25).

([7]) ĠU L 48, 18.2.2006, p. 28. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2006/277/KE (ĠU L 103, 12.4.2006, p. 29).

([8]) ĠU L 52, 23.2.2006, p. 41. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2006/384/KE (ĠU L 148, 2.6.2006, p. 53).

([9]) ĠU L 222, 15.8.2006, p. 11.

([10]) ĠU L 164, 16.6.2006, p. 51. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2006/506/KE (ĠU L 199, 21.7.2006, p. 36).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 2006/7/KE, id-data '31 ta' Diċembru 2006' qiegħda tinbidel bi "30 ta' Ġunju 2007".

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/265/KE qiegħda tiġi emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3, id-data "31 ta' Diċembru 2006" qiegħda tinbidel bi "30 ta' Ġunju 2007".

(2) L-Anness qiegħed jinbidel bl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/533/KE qiegħda tiġi emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 5, id-data "31 ta' Diċembru 2006" qiegħda tinbidel bi "30 ta' Ġunju 2007".

(2) L-Anness qiegħed jinbidel bl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4*

L-Istati Membri għandhom, minnufih, jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni u jippubblikaw dawn il-miżuri. Huma għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 5 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

*"ANNESS*

Parti mit-territorju ta' l-Iżvizzera msemmija fl-Artikolu 1(1)

| Il-kodiċi ISO tal-pajjiż | Isem il-pajjiż | Il-parti tat-territorju |
|---|---|---|
| CH | L-Iżvizzera | Fl-Iżvizzera: iż-żoni kollha tat-territorju ta' l-Iżvizzera li l-awtoritajiet Żvizzeri applikawlhom formalment restrizzjonijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/415/KE u 2006/563/KE." |

*ANNESS II*

*"ANNESS*

Parti mit-territorju tal-Kroazja msemmija fl-Artikolu 1

| Il-kodiċi ISO tal-pajjiż | Isem il-pajjiż | Il-parti tat-territorju |
|---|---|---|
| HR | Il-Kroazja | Fil-Kroazja: iż-żoni kollha tat-territorju tal-Kroazja li għalihom l-awtoritajiet kompetenti tal-Kroazja applikaw formalment miżuri protettivi li huma ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/563/KE." |